MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 168/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Raymond Cassar)**
**Vs**
**Victor Buttigieg**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fil-lejl ta' bejn it-2 u 3 ta' Jannar, 2005 f'San Pawl il-Bahar,

1. ikkommetta serq t'apparat tad-'diving' li jiswa madwar elfejn u disa' mitt lira Maltin (Lm2,900) mill-fond Maltaqua Garage li jinsab fi Triq Patri Felic Sammut f'San Pawl il-Baħar, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur u dan bi ksur ta' Artikoli 264, 267 u 270 tal-Kap 9 ta' Ligijiet ta' Malta;

2. u talli fit-3 ta' Jannar, 2005 xjentament xtara u/jew laqa' għandu ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew

akkwistati b'reat sew, jew xjentament b'kull mod ieħor li jkun iddaħħal f'dawn il-Gżejjer biex ibiegħhom jew imexxihom, liema oġġetti huma ġejjin minn serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li jeċċedi l-elf lira Maltin u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess jum u fil-ġranet ta' qabel f'dawn il-gżejjer saq vettura tat-tip Peugeot 605 bin-numru tar-registrazzjoni NOE-131 meta ma kienx kopert b'polza tas-sigurta' dwar riskju ta' terzi persuni u dan bi ksur tal-Artikolu 3 ta' Kap. 104 ta' Ligijiet ta' Malta;
4. u aktar ta xhieda falza jew ħalef falz quddiem Magistrat u /jew quddiem uffiċjal ieħor li għandu s-setgħa bil-liġi li jagħti ġurament u dan bi ksur tal-artikolu 108 ta' Kap 9 ta' Liġijiet ta' Malta u;

5. u aktar talli sar reċidiv ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 (1) ta' Kap 9 ta' Ligijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija mill-Magistrat Dr. Lawrence Quintano LL.D nhar is-7 ta' Lulju, 2003 u li hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-8 ta' April, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(f), 263 sa 267, 270, 330, 28, 279(b), 281, 289, 49, 51, 31, 23, 20 u 533 tal-Kap. 9 u 3, 20, 22 u 23 tal-Kap. 104, ma sabitx lill-appellant ħati tat-tieni u tar-raba' akkuża w illiberatu minnhom iżda sabitu ħati tal-ewwel, tat-tielet u l-ħames akkuża w ikkundannatu għal terminu ta' priġunerija ta' sentejn. Skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni liċenzji tas-sewqan għal żmien sena w ikkundannatu jħallas l-ispejjeż inkorsi fl-inkjesta skond il-proċess verbal u dan fi żmien sena.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-20 ta' April, 2010, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha f'każ li takkolji l-ewwel aggravju, tannulla s-sentenza appellata w terga' tibgħat l-atti quddiem l-Ewwel Qorti sabiex isir smigħ skond il-Ligi u in osservanza tal-artikolu 519 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, alternattivament tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn il-Qorti ma sabitx htija dwar it-tieni u r-raba' imputazzjoni u fejn sabet

htija tat-tielet u tal-hames imputazzjoni, tħassarha fil-parti fejn il-Qorti sabet ħtija dwar l-ewwel imputazzjoni kif ukoll ikkundannatu għal sentejn priġunerija u għal skwalifika ta' sena tal-liċenzji ta' sewqan tiegħu kif ukoll għall-ħlas tal-ispejjeż peritali u minflok tinfliġġi piena aktar ġusta w idonea skond il-każ.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-Ewwel Qorti naqset manifestament milli tosserva d-dispost l-artikolu 519 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta illi jipprovdi illi "*hu dmir tal-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali illi jipprovdu għad-difiża ġusta tal-imputati jew akkużati".* Għalhekk id-difiża xierqa tal-imputat fi proċeduri kriminali ma huwiex biss dritt ta' l-akkuzat [sanċit ukoll mill-Kostituzzjoni] iżda huwa dmir impost mil-Ligi fuq il-Qorti stess sabiex jigi assigurat illi l-Qorti tagħmel minn kollox sabiex taċċerta ruġha mill-osservanza skrupoluza ta' dan id-dritt. In effetti, dan tant huwa dmir u obbligu tal-Qorti illi tabilhaqq l-istess Artikolu 519 jipprovdi illi l-Qorti m'għandiex taħtar kuraturi ghal imputati li ma jkunux ta' eta' u dan għaliex ir-*ratio legis* huwa illi hija l-Qorti stess illi għandha tissalvagwardja d-dritt ta' difiża xierqa tal-akkuzat kull fejn ikun meħtieġ u fil-fehma tal-appellant il-każ odjern żgur li m'huwiex eċċezzjoni.

2. F'dan il-każ il-Qorti qabdet u tat sentenza wara illi kienet semgħet naħa waħda biss u cioe' l-Prosekuzzjoni. Fis-sentenza appellata, jidher ċar illi l-Qorti sabet ħtija abbazi mill-provi mressqa, li ovvjament kienu provi mhux ribattuti stante ili f'ebda waqt l-appellant ma kellu difiża xierqa u adegwata kif trid il-Ligi.

Ghalkemm l-appellant jista' japprezza l-frustrazzjoni tal-Qorti f'sitwazzjonijiet bhal dawk li nħolqu quddiemha fil-każ odjern [u dan kif ser jispjega u

jamplifika fil-kors tat-trattazzjoni orali ta' dan l-appell], xorta jibqa' l-fatt illi hemm rimedji oħra biex jigi assigurat illi l-ġustizzja tieħu l-kors veru taghha. Pero' bl-akbar rispett illi l-Ewwel Qorti tħalli l-kawża għas-sentenza mingħajr ma tagħti l-appellant il-fakulta' illi jtella x-xhieda tiegħu jew li jiddeponi hu u/jew aktar minn hekk dan tagħmlu mingħajr ma tassigura d-difiża adegwata tiegħu żgur li ma kinitx soluzzjoni fl-aħjar interess tal-Ġustizzja.

2. Illi s-sentenza appellata hija nulla għaliex fl-istess sentenza l-Ewwel Qorti naqset milli tiddikjara jekk hija kinitx qed issib htija jew le fil-konfront tal-appellant dwar l-akkuza ta' dħul b'abbuż fi djar bi ksur tal-artikolu 330 tal-Kap. 9, liema akkuża kienet indikata fir-rinviju ghal ġudizzju tal-Avukat Generali a fol. 98 tal-atti u datat 11 ta' Ottubru, 2005. Ghalhekk jidher illi s-sentenza hija nulla peress illi ma hemmx dikjarazzjoni konklussiva tal-Qorti dwar waħda mill-akkuzi miġjuba kontra l-appellant.

3. Illi l-Ewwel Qorti ma setghat qatt issib htija tal-akkuza ta' serq u dan għaliex mill-provi mressqa quddiem l-Ewwel Qorti kien jirriżulta sal-grad tal-probabbli illi l-appellant ma kienx l-awtur ta' serq u anqas kompliċi iżda li in pessima ipoteżi huwa kien fi stadju sussegwenti għas-serqa intervjena bħala riċettatur.

4. Illi mingħajr preġudizzju fil-każ tal-ewwel imputazzjoni, il-kwalifika tal-ħin u li ma gietx ippruvata u għalhekk l-appellant ma setax jinstab ħati ta' serq hekk ikkwalifikat u dan stante li mill-provi jirriżulta ili l-post minn fejn allegatament seħħet is-serqa kien ġie magħluq l-aħħar fil-31 ta' Diċembru 2004 fis-2.00 p.m. fil-waqt li l-allegat serq gie rrapurtat fit-3 ta' Jannar, 2005. Minn imkien ma jirriżulta jekk l-allegat serq kienx seħħ wara nżul ix-xemx u qabel is-sbieħ.

5. Illi mingħajr preġudizzju ghas-suespost l-Ewwel Qorti kienet legalment skorretta meta applikat fil-konfront tal-appellant l-artikolu 289 tal-Kap. 9 [li jinsab iċċitat fl-artikoli li dwarhom instabet htija fis-sentenza appellata] li jittratta dwar ir-reċidiva f'serq u dan stante illi ma ġiet ippruvata fil-konfront tal-appellant ebda kundanna

precedenti ta’ serq. Għalhekk il-piena erogata mill-Ewwel Qorti għandha tiġi ridotta bi grad jew tnejn.

6. Illi fi kwalunkwe kaz il-piena nflitta kienet wahda eċċessiva u gravuża u li ma tagħmilx tajjeb għal każ odjern.

Rat in-Noti bis-sentenzi li ppreżentaw il-partijiet nhar is-26 u 27 t’Ottubru 2010 rispettivament.

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

Il-Qorti ser teżamina s-sitt imputazzjonijiet seriatim.

**L-ewwel Aggravju**

L-ewwel aggravju tal-appellant huwa dwar li l-Qori jmissha ħadet ħsieb li jkollu avukat difensur skond l-artikolu 519 tal-Kap 9. Il-Qorti l-ewwel li ma tinnota dwar dan l-aggravju huwa li d-differiment sabiex tingħata s-sentenza sar fit-22 ta’ Marzu, 2006. Is-sentenza ma ngħatatx qabel it-8 t’April 2010. A fol 133 tal-proċess fil-verbal insibu dan li ġej:

***‘Stante illi din il-kawża ilha mħollija għall-provi mid-29 (22) ta’ Marzu 2006, mil-liema data l-imputat għadu ma ppreżenta l-ebda xhieda in difesa, il-kawża qed titħalla għas-26 ta’ Marzu 2009 għas-sentenza’.***

Iżda qabel din id-data kienet dehret l-avukat Dr.Cherrett u ppreżentat ċertifikat tal-imputat (Ara fol 117).

F’data aktar qabel kien deher l-Avukat Dr.Franco Debono (fol 61) (8 ta’ Ġunju 2005) meta tista’ tgħid instemgħet ix-xhieda kollha.

Fit-22 ta’ Jannar 2007, kienet il-Prosekuzzjoni stess li għan-nom tal-appellant tablet differiment għaliex l-appellant kellu appuntament l-Isptar u l-Qorti laqgħet it-talba. (fol 123).

Fis-6 t'Ottubru 2008, l-imputat ma deherx u l-Qorti imponiet multa.

Fl-14 ta' Jannar, 2009, l-imputat kien preżenti u kien jaf li l-kawża kienet ser titħalla għas-sentenza għas-26 ta' Marzu, 2009 u ma talba ebda għajnuna ta' xi avukat.

L-istess ġara fis-26 ta' Marzu 2009 (fol 134), 30 t'April, 2009 (fol 135), 8 ta' Lulju 2009 (fol 136).

L-imputat ma deherx diversi drabi minkejja li r-referti kienu pożittivi (ara fol 9 - 18 ta' Settembru 2006 – u a fol 120 bħala eżempji).

Kien jaf x'qed jiġri meta nqraw l-artikoli u ma deherx l-avukat tiegħu (li wara informa lill-Qorti li ma kienx qed jippatroċinah) u l-imputat għażel il-proċeduri sommarji.

Minn imkien ma jidher mill-proċess li xi darba, inkluż f'dawk is-seduti, fejn il-Qorti sempliċiment iddiferiet il-kawża għas-sentenza għax kien jeħtiġilha taħsibha aktar, ma qatt l-appellant ġibed l-attenzjoni tal-Qorti li ried iressaq xi provi jew li għandu bżonn xi avukat.

Jirriżulta wkoll a fol 108 li ma deherx l-Avuakt Dr Roberto Montalto (27 t'Ottubru 2005).

Minn dan kollu huwa ċar:

(a) li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kien jirriżultalha minn imkien li l-imputat kellu ħtieġa tal-għajnuna ta' avukat għax avukati kienu dehru għalih.

(b) Barra dan bejn meta tħalliet il-kawża u –sentenza għadda żmien sew – mit-22 ta' Marzu, 2006 sat-8 t'April 2010 – u kien hemm diversi differimenti fejn l-imputat seta' jqajjem l-ilment u ma qajmux.

(ċ) Fl-aħħarnett meta ntalab differiment għan-nom tiegħu mill-Prosekuzzjoni nnifisha, dan intlaqa' u nagħtu ċ-ċans ukoll.

Isegwi li l-appellant kellu ċansijiet biex itella' x-xhieda tiegħu u jagħmel is-sottomissjonijiet. Flok għamel hekk, għażel li ma jagħmel xejn.

Jekk l-appellant għandu dritt għad-difiża li hu ma għamel xejn dwaru, il-Qorti hija marbuta wkoll li tagħti ġudizzju fi żmien raġonevoli. Lanqas ma tista' l-Qorti tħalli kawżi pendenti biex l-appellant itella' l-provi meta jrid jew meta jidhirlu hu. L-appellant kellu żmien biżżejjed quddiem l-Ewwel Qorti sabiex jitlob għajnuna legali, jekk kellu bżonnha, iżda dan m'għamlux għax hekk ried.

Għalhekk il-Qorti mhix qel tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant.

**It-tieni Aggravju**

L-appellant jissottemetti li s-sentenza hija nulla għaliex l-Ewwel Qorti ma ppronunzjatx ruħha dwar l-artikolu 330 tal-Kap 9. Skond l-appellant, la dan l-artikolu ntbagħat mill-Avukat Ġenerali, allura l-Ewwel Qorti kellha bilfors tippronunzja ruħha dwaru. Huwa r-rinviju tal-Avukat Ġenerali l (fol 98)li jgħodd u fuq dak irid kiġi ġġudikat.

Huwa tassew li l-imputat ma jistax jinstab ħati ta' xi imputazzjoni li ma tkunx tniżżlet kontrih fiċ-ċitazzjoni oriġinali jew li tkun żdiedet wara. Isegwi li jekk l-Avukat Ġenerali jħalli barra xi artikolu li jirrispekkja xi imputazzjoni, l-imputat ma jistax jinstab ħati ta' dik l-imputazzjoni.

Iżda ma jsegwix li għax l-Avukat Ġenerali jniżżel artikolu u fiċ-ċitazzjoni oriġinali -jew wara - ma jkunx hemm l-imputazzjoni, allura l-Qorti trid bilfors tippronunzja ruħha fuqha. L-Ewwel Qorti xorta trid tħares lejn l-imputazzjonijiet, waħda, waħda u tara jekk dawn għandhomx eku fl-artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali. Jekk m'għandhomx eku, il-Qorti trid tillibera allavolja jkunu ppruvati.

Issa fil-każ ċitat mill-appellant, kien jirriżulta li kienet żdiedet imputazzjoni kontra kulħadd u l-Qorti nsiet

tippronunzja ruħha fuqha. Fil-każ odjern il-Qorti għandha quddiemha biss dawk l-imputazzjonijiet li jidhru fl-ewwel faċċata u mkien ma hemm xi żieda li fuqha l-Qorti naqset li tippronunzja ruħha. Il-bażi tal-Qorti jibqa' l-imputazzjonijiet u bilfors ikun hekk għaliex kull imputat għandu jkun jaf biex inhuwa akkużat. L-artikoli waħidhom ma fihomx dak it-tagħrif li wieħed ikun jaf biex ikun akkużat. Huma l-imputazzjonijiet li jissodisfaw dan il-dritt.

***'L-Avukat Ġenerali jista' jnaqqas rat jew anke jżid skużanti iżda ma jistgħux jiżdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni.'***

Jekk l-Avukat Ġenerali 'żied' xi reat, kienet korretta l-Ewwel Qorti li ma ppronunzjatx ruħha fuqu għax, jekk 'żied' xi reat, dan kien qed jagħmel xi ħaġa li ma setax legalment jagħmel.

Pero' wara li jingħad dan kollu, l-artikolu 'miżjud' huwa wieħed li jista' jitqies bħala parti mis-serq (l-ewwel imputazzjoni) u għalhekk ukoll, konsidrat dan kollu, huwa biss artikolu assorbiti fir-reat ta' serq.

Għalhekk il-Qorti qed tirrespinġi t-tieni aggravju tal-imputat.

**It-Tielet Aggravju**

L-appellant jissottometti li huwa qatt ma seta' jinstab ħati ta' akkuża ta' serq għaliex l-appellant la kien l-awtur tas-serq u lanqas kien kompliċi iżda seta' biss kien riċettatur.

Dan jeħtieġ apprezzament mill-ġdid tal-provi. Kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ 'Il-Pulizija versus Joseph Cini' ( 5 ta' Novembru 2008):

***'Din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li wslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-***

***diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi eżerċitata mill-Ewwel Qorti iżda tagħmel apprezzament approfondit fl-istess beix tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx raġjonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk iżda dina l-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha , ma setgħetx raġjonevolemnt tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura din tkun raġuni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabeix din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konklużjoni.***

Fis-sentenza tagħha l-Ewwel Onorabbli Qorti a fol 143, qalet:

***'Mill-provi mressqa, mill-istqarrija tal-imputat a fol 47 u 48 tal-proċess jiriżulta pruvat fil-grad rikjest mil-Liġi illi l-imputat kien l-awtur ta' din is-serqa bi sgass. Il-vittma ppruvat il-valur tal-oġġetti li jirrendi dan is-erq aggravate bil-valur.'***

Il-Qorti fliet sew l-istqarrija tal-imputat a fol 47 u 48 fejn huwa qal;

(L-istqarrija ttieħdet fl-4 ta' Jannar 2005 fit-15.40) Nota: L-ewwel waħda ittieħdet fl-istess jum fl-10.50)

***'Il-bieraħ għall-ħabta tal-4.15am Raymond Abela ċempilli fuq il-mobile u qalli biex insellfu l-flus. Dak il-ħin kont rieqed id-dar. Jien irrifjutajt li nagħtih il-flus u qalli biex immorru San Pawl il-Baħar. …Filfatt xi kwarta wara dan ġie bil-karozza tiegħu ħdejn id-dar tiegħi u reġa' ċempilli sabiex noħroġ. Jiena rkibt miegħu u tlaqna lejn San Pawl il-Baħar. Fil-karozza Raymond kellu żewġ imqassijiet tax-xibka u par ingawanti tad-diving.***

***Huwa dar mal-kantuniera ta' petrol station li tinsab fil-main road ta' San Pawl il-Baħar u saq ftit 'il bogħod minn garaxx li qiegħed basement. Dan il-garage għandu sinjal tad-diving fuqu. Meta Raymond ipparkja l-karozza, jiena staqsejtu x'konna ser***

***nagħmlu u hu qalli kien dieħel jisraq xi affarijiet miknn garaxx. Jiena staqsejtu jekk ma kienx se jdum u filfatt huwa ma damx. Raymond ħareġ mill-karozza tiegħu filwaqt li jiena bqajt nistennieh. Raymonmd ma tantx dam biex daħal għaliex minn ġol-karozza rajtu jimbotta l-bieb u jidħol. F'idejh ma kellux għodda qisu kien jaf kif jidħol. Wara ftit tal-ħin rajtu ħiereġ minn bieb żgħir li jiġi fuq il-lemin tal-istess garaxx u kien iġorr żewġt basktijiet ħodor bl-oranġjo u poġġiehom fil-karozza. Wieħed minnhom poġġieh fuq is-seat ta' wara u l-ieħor fil-bagoll.' Daħal fil-karozza u tlaqna minn hemm.***

***Peress li huwa biss daħal ġewwa u tani dawk ir-regulators u l-affarijiet l-oħra li intom sibtu fil-karozza bi prezz ta' mija u tmenin lira. Kien affarijiet oħra ……li huwa żammhom għax ma tajtux il-mitejn u ħamsin lira li talabni.'***

Din l-istqarrija tikxef l-involviment tal-appellant bħala kompliċi fis-serqa ai termini tal-artikolu 42(d) tal-Kap 9. Inutli jipprova jpinġi lilu nnifsu bħala wieħed li ma kienx jaf x'ser jiġri. Fis-serqa kien barra fil-karozza ***jistenna lill-ieħor joħroġ l-affarijiet*** sabiex flok l-appellant jislef il-flus lil min daħal jisraq ikun jista' jagħti l-flus u jieħu l-korrispettiv. Il-Liġi tagħti l-istes piena lill-kompliċi daqs kemm jieħu l-prinċipal. Is-serqa ma kenitx ta' sold u tnejn, għax kienet tleħħaq l-Lm2,770 (fol 80).

Għalhekk il-Qorti qed tirrespinġi t-tielet aggravju.

**Ir-raba' aggravju**

L-appellant jissottometti li l-kwalifika tal-ħin ma kenitx ippruvata. Bir-rispett kollu din il-Qorti ma taqbilx għaliex il-ħinijiet tahom l-imputat stess. Iċ-ċempila saret fl-4.15am. Kwarta wara Raymond Abela kien għandu. Telqu mill-ewwel u għalhekk, qabel il-ħamsa ta' filgħodu kien fuq il-post tas-serqa. F'Jannar, m'għandekx ċans li dak il-ħin ser tara x-xemx.

Għalhekk il-Qorti qed tirrespinġi r-raba' aggravju.

**Il-ħames aggravju**

L-appellant jissottometti wkoll li l-Qorti kienet skorretta meta applikat fil-konfront tal-appellant l-artikolu 289 għaliex l-appellant qatt am kien isntab ħati ta' serq qabel.

L-appellant huwa korrett li jgħid li r-reċidiva mogħtija bħala addebitu tirreferi għal reat ta' pussess ta' droga.

Skond l-artikolu 50, il-piena setgħet tiżdied bi grad.

Skond l-artikolu 289, il-piena setgħet tiżdied bi grad jew tnejn u jekk ikun hemm sejbien ta' ħtija għat-tielet darba bi grad jew tlieta.

L-appellant jissottometti li l-piena għandha tonqos bi grad.

Il-Qorti kkundannat lill-appellant għal sentejn. L-appellant kellu jirrispondi għal tliet aggravji: mezz, ħin, u valur.

L-Avukat Ġenerali indika l-artikolu 279(b) li jġorr piena minn tlettax-il xahar sa 7 snin. Kemm jekk wieħed japplika l-artikolu 280(2) jew l-artikolu 278(3) tal-Kap 9 (ara wkoll il-proviso tal-artikolu 280(2)), il-Qorti ma telgħetx b'żewġ gradi biex waslet għall-piena ta' sentejn. Meta wieħed iqis is-somma misruqa u l-artikolu 278(3), b'somma matematika għandu jasal għal minimu ta' 20.66 months li bl-artikolu 31(1)vii) jasal għal sentejn. Dan kollu fuq il-minimum.

Għalhekk qed ikun respint il-ħames aggravju.

**Is-Sitt Aggravju**

Fl-aħħarnett, l-appellant jgħid li l-piena kienet waħda eċċessiva. Mill-matematika li tidher taħt l-aggravju fil-paragrafu preċedenti, il-piena ma tidhirx eċċessiva anzi fuq in-naħa l-aktar baxxa possibbli.

**Konklużjoni**

L-appellant l-ewwel talab l-annullament tas-sentenza jekk jintlaqa' l-ewwel aggravju. Dan l-aggravju ma nltaqax u għalhekk din it-talba qed tkun respinta.

Fl-alternattiva talab riforma tas-sentenza billi l-Qorti tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti ma sabitx ħtija dwar it-tieni u r-raba' imptuazzjoni u fejn sabet fit-tielet u fil-ħames imputazzjoni, tħassarha fejn sabet ħtija dwar l-ewwel imputazzjoni kif ukoll fen l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellant għal sentejn priġunerija u għal skwalifika ta' sena tal-liċenzji ta' sewqan tiegħu kif ukoll għall-ħas peritali u minflok tinfliġġi piena aktar ġusta.

Il-Qorti qed tilqa' l-appell biss fis-sens li qed tikkonferma s-sentenza fl-ismijiet premessi tat-8 t'April 2010 fejn din ma sabitx lill-appellant ħati tat-tieni u tar-raba' imputazzjoni u qed tiċħad l-appell safejn intalab xi riforma dwar it-tielet u l-ħames imputazzjoni jew xi tħassir tal-ewwel imputazzjoni u għalhekk il-Qorti qed tikkonferma s-sejbien ta' ħtija tal-ewwel, tat-tielet u tal-ħames imputazzjoni u qed tikkonferma wkoll il-kundanna għal priġunerija ta' sentejn kif ukoll qed tikkonferma l-kundanna għall-ħlas tal-ispejjeż peritali kollha u l-iskwalifika mil-liċenzji tas-sewqan għal żmien sena, liema sena tibda tiddekorri min-nofs il-lejl ta' llum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------